MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 933/2002/1

**Emanuel u Carmen konjugi Peresso**

**vs**

**Sundream Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 t'April 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' mitejn hamsa u sebghin Lira Maltja u centezmu (Lm275.01), rapprezentanti rifuzjoni ta' prezz ta' dghajsa mibjugha mis-socjeta’ konvenuta lill-atturi, liema dghajsa ma kienetx tajba ghall-bahar u liema dghajsa tinsab fil-pussess tas-socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-8 ta’ Frar 2002 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi l-pretenzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta accettat li tiehu lura t-'tender' mibjugh lill-atturi bil-kondizzjoni espressa li dawn jaccettaw 'credit note' ghall-prezz shih. Fil-fatt l-atturi ghamlu uzu mill-istess 'credit note' u skortaw minnu s-somma is-somma ta' Lm51.75 meta hadu servizz ta' riparazzjoni ta' 'dinghy' mis-socjeta' konvenuta; illi l-atturi m'ghandhom l-ebda dritt jippretendu r-rimbors tal-prezz tat-'tender' lilhom mibjugh stante li ma kien hemm l-ebda raguni valida ghar-rexxissjoni tal-bejgh.

Sema' x-xhieda ta' l-attur, ta' David Agius Lia, Michael Peresso, Jean Paul Sammut, Mario Calleja, Paul Chetcuti u ta' Nikol Chetcuti. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti. Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-atturi xtraw 'tender' jew ahjar dghajsa zghira tal-'fibre glass' minghand is-socjeta' attrici ghall-prezz ta' Lm275.01. L-ewwel darba li l-attur Emanuel Peresso utilizza id-dghajsa din inqalbet bih. Huwa baghat impjegati tieghu jikkonsenjaw lura id-dghajsa. Is-socjeta' konvenuta tinsisti li dakinhar li giet ritornata lura d-dghajsa hija harget 'credit note' ghall-prezz ta' din id-dghajsa, liema 'credit note' giet iffirmata minn Mario Calleja, wiehed mill-impjegati tal-attur. Kemm l-attur, kif ukoll l-impjegat tieghu min naha l-ohra jsostnu li huma qatt ma accettaw 'credit note' meta giet ikkonsenjata lura d-dghajsa. Gimgha wara li gie ritornat it-‘tender’, l-attur baghat l-impjegat tieghu jigbru 'dinghy' li kien ghand is-socjeta' konvenuta biex jissewwa. Dan l-impjegat iffirma fuq kopja tal-'credit note' minn fejn gie mnaqqas il-prezz tat-tiswija. Dan ix-xhud spjega lit-Tribunal li huwa ma jafx jaqra u jikteb u li huwa kien minghalih li qed jiffirma karta fejn qed jiccertifika li ha d-'dinghy' lura.

Illi wara li ezamina bir-reqqa x-xhieda kollha prodotti mill-partijiet it-Tribunal jinsab moralment konvint li l-verzjoni

moghtija mill-attur u mill-impjegati tal-attur hija ferm aktar kredibbli u verosimili u dan ghal zewg motivi:

1. Nikol Chetcuti ma tax spjegazzjoni adegwata ghalfejn il-firma tal-impjegat tal-attur kienet biss fuq il-kopja tal-'credit note' u mhux fuq l-original. *"Ahna gaghlnih jiffirma fuq il-kopja tal-'credit note' stante li ma ma kienx hemm wisa` fuq il-'credit note' originali fejn huwa jiffirma".*

2. Paul Chetcuti ma kienx konvincenti dwar il-fatt jekk l-attur accettax 'credit note'. Fix-xhieda tieghu tat-22 t'Ottubru 2002 insibu hekk *"Mistoqsi specifikatament mit-Tribunal jekk meta jiena tkellimt mal-attur u offrejtlu li naghti 'credit note', huwa accettax jew irrifjutax, l-ewwel irrispondejt li ma niftakarx, sussegwentement, fuq insistenza tat-Tribunal, irrispondejt illi huwa accetta li jiehu l-'credit note'."* Imbaghad aktar `il quddiem dan ix-xhud jghid ukoll *"... ma niftakarx jekk inhargitx invoice ghat-tiswija tad-dinghy. Jiena ma kontx ippreparajt fattura ghat-tiswija stante li kont preparat minn qabel biex nitlob lill-persuna li kienet ser tigbor id-dinghy sabiex jiffirma l-Credit Note ghaliex kont naf illi l-attur ma kienx dispost illi jiehu merkanzija ohra minghandi sabiex jirrimpjazza l-prezz tal-fibre glass dinghy illi kien ikkonsenja lura precedentement".*

Illi fil-fehma tat-Tribunal l-attur effettivament qatt ma accetta li jinghata 'credit note' meta giet konsenjata lura d-dghajsa u l-'credit note' inharget fl-okkazzjoni li Mario Calleja mar jigbor id-'dinghy' li kien ghat-tiswija u mhux meta giet ikkonsenjata lura t-'tender' tal-'fibreglass'. Dan Calleja ma kienx jaf jaqra u jikteb u ffirma dokument li kien minghalih li kien ricevuta li huwa ha lura d-'dinghy' li kien ghat-tiswija.

Illi t-Tribunal inoltre jidhirlu li una volta li s-socjeta' konvenuta accettat il-konsenja tal-'fibre glass tender' hija kienet accettat ir-risoluzzjoni tal-kuntratt tal-bejgh tal-istess u l-atturi huma ghalhekk intitolati ghar-refuzjoni tal-prezz u s-socjeta' konvenuta unilatiralment ma tistax timponi li l-atturi jaccettaw 'credit note' minflok ir-rifuzjoni tal-prezz.

Illi mill-provi rrizullta li s-socjeta' konvenuta naqset il-prezz tax-xoghol tat-tiswija ammontanti ghal Lm51.75 mil-prezz tal-'fibre glass tender' li kien dovut lill-atturi. It-Tribunal jidhirlu li jkun opportun li dan l-ammont jitnaqqas mill-ammont mitlub mill-atturi fil-kawza odjerna.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqa' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta' mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm223.26), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------